**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Mejju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju**
**Dr Dennis Theuma)**

**vs**

**Clyde Cutajar**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Clyde Cutajar** ta' 38 sena iben Alfred u Odette nee' Galea imwieled H'Attard fit-12 ta' Mejju 1975 residenti gewwa "Offshore" Triq Grossetto, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita 240675M

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fit-tlett xhur ta' qabel l-10 ta' Settembru 2012

1. Produca, biegh jew xort'ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Art. 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu, ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Settembru 2012 u fil-hames snin ta' qabel din id-data:

4. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art.8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali moghti bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**3.** Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Dicembru 2018, li permezz tiegħu, in vista tal-emendi magħmula fil-Kapitolu 537 bl-Att XXXII tal-2018, laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537.

**4.** Rat in-nota tas-27 ta' Settembru 2019 tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, li permezz taghha informa lil din il-Qorti li huwa sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni li ntemm b'success skond ir-rapporti tal-Caritas.

**5.** Rat in-nota tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali tad-9 ta' Dicembru 2019, li permezz taghha informa lil din il-Qorti li wara ricerka li saret fis-sistema komputerizzata tal-Qrati (li ma tinkludix kawzi tad-distrett), ma rrizultax li hemm proceduri ohra pendenti fil-konfront tal-imputat.

**6.** Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020, fejn il-partijiet qablu li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza.

**Il-FATTI**

**7.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Nhar l-10 ta' Settembru 2012, il-Pulizija ghamlu tfixxija gewwa garaxx bl-isem "Redentur", Triq Manwel Borg Gauci, tal-Handaq, Hal-Qormi, fejn jahdem l-imputat, fuq suspett ta' traffikar tad-droga.

2. Fl-ufficcju tal-imputat instabet bicca zghira resina tal-cannabis li kienet go pakkett tas-sigaretti. F'wiehed mill-kxaxen tal-iskrivanija tieghu instabet tissue li kien fiha sustanza bajda suspettata kokaina, u bicca resina tal-cannabis zghira ohra. Minn fuq id-desk ukoll instabet borza miftuha zghira li kien fiha xi tracci suspettati cannabis grass.[1]

[1] Ara fol. 5 tal-process.

3. Meta l-pulizija telghu fis-sular ta' fuq, l-imputat indika lill-Pulizija kaxxa fejn kellu xi bicca blokka, u effettivament il-Pulizija sabu bott li kien fih zewg blokok suspettati raza tal-cannabis.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**8.** Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien ilu xi hames snin ipejjep ir-rezina tal-cannabis. Huwa ammetta li r-resina tal-cannabis li nstabet fil-garaxx kienet tieghu. Pero l-imputat cahad li t-tissue bil-kokajina kien tieghu, ghaliex insista li hu ma jabbuzax minn din is-sustanza.

**9.** L-imputat ammetta wkoll li gieli ghamel joints tal-cannabis ghal habib tieghu minghajr hlas. Kien hemm okkazzjonijiet fejn pejpuha flimkien, u kien hemm okkazzjonijiet fejn il-habib tieghu ha l-joint mieghu u telaq.

**10.** L-imputat qal ukoll li hu kien jixtri ir-rezina tal-cannabis hamsa u ghoxrin Euro (€25)-il bicca. Xi ftit xhur qabel hu kien iddecida li jixtri sapuna shiha ghal prezz ta' sitt mitt Euro (€600) biex *"ma noqghodx nixtri kull darba u jkolli hazna ghalija personali".* Meta gie mistoqsi kemm ipejjep cannabis resin, l-imputat wiegeb hekk: *"(B)ejn wiehed u iehor joint kuljum minbarra fil-weekend ghax ma nkunx xoghol ghax kif diga ghidtlek jiena ix-xoghol biss inpejjep u meta nkun wahdi."*

**11.** L-espert xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda r-relazzjoni tieghu hekk:

> *"(a) Illi fl-estratt mehud mill-joint li hemm fid-dokument 254-12-01 nstabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u> sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. … …*
>
> *(b) Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 254-12-01, nstabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u> li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz total tas-sustanza kien <u>9.11 grammi</u> u l-purita kienet ta' cirka 6.0%. … …*
>
> *(c) Illi fl-estratt mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 254-12-01, nstabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u> sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz tal-haxix kien ta' <u>0.64 grammi</u> u l-purita kienet ta' cirka 4.0%. … …*

*(d) Illi fl-estratt mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 254-12-01, instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.40 grammi u l-purita kienet ta' cirka 25%. ... ...*

*(e) Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 254-12-02, nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta Kannabis. Il-piz total tas-suststanza kien ta' 280 grammi u l-purita kienet ta' cirka 6.0%."*[2]

**12.** Mir-rapport tal-espert Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li din id-droga kienet imqassma hekk:[3]

- 0.64g haxixa tal-cannabis
- 0.40g kokajina
- 1.86g rezina tal-cannabis
- 6.61g rezina tal-cannabis
- 125g rezina tal-cannabis
- 155g rezina tal-cannabis

**13.** Fix-xhieda tieghu, l-espert Xjenzat qal li l-purita kemm ta' dawn is-sustanzi kollha li ezamina kienet kollha *within street level.* Ghalkemm fix-xhieda tieghu l-Ufficjal Prosekutur ta' dak iz-zmien l-Ispettur Herman Mula xehed li fl-opinjoni tieghu il-kokajina kienet tidher antika, pero mill-analizi tal-espert xjenzat jirrizulta li din l-purita ta' din is-sustanza kienet ghadha tajba ghaliex kienet *within street level.*

**14.** Fl-istqarrija tieghu l-imputat assuma r-responsabbilita tar-rezina tal-cannabis u qal li din kienet intiza ghall-uzu personali tieghu. Dwar il-haxixa tal-cannabis ma gie mistoqsi xejn u ma qal xejn, u lanqas hemm xi imputazzjoni kontra l-imputat fir-rigward taghha. Rigward il-kokaina huwa qal li hu ma jaf xejn dwarha u ma jafx kif spiccat fl-iskrivanija tieghu, ghax hu ma jabbuzax minn din id-droga.

[2] Ara fol. 108 tal-process.
[3] Ara fol. 107 tal-process.

**15.** Il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat wiehed wiehed.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Traffikar tar-Raza tal-Cannabis*

**16.** Dwar l-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni, u cioe dik ta' traffikar tar-rezina tal-cannabis, l-Ispettur Mula xehed li l-imputat gie mixli b'din l-imputazzjoni ghaliex fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li fl-ahhar tlett xhur qabel gie arrestat, kien hemm xi okkazjonijiet fejn ghamel xi joint ghal xi habib tieghu, u gieli pejpu l-joints flimkien, u gieli l-habib tieghu telaq bil-joint minn fuq il-post. L-imputat qal li dan kien jaghmlu minghajr qliegh.

**17.** Ghal dak li jirrigwarda l-okkazjonijiet fejn l-imputat ghamel il-joints u ikkunsmahom flimkien mal-habib tieghu, huwa applikabbli l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101, stante li l-imputat ikkonsma d-droga fl-istess post u flimkien mal-habib tieghu – dak li aktar popolarment jissejjah *trafficking by sharing*.

**18.** Fir-rigward ta' dawk l-okkazzjonijiet fejn l-imputat ghamel il-joint, taha lill-habib tieghu u dan telaq minn fuq il-post u kkunsmaha x'imkien iehor, jezistu l-element tar-reat ta' traffikar. Huwa irrilevanti li l-imputat ghamel dan bi pjacir lil habib tieghu, u ma qalax flus minnha, ghaliex kif gie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati sabiex ikun hemm traffikar mhux necessarju li min jghaddi d-droga lil haddiehor jaghmel dan ghall-flus jew korrispettiv iehor. (**Il-Pulizija vs Marvin Cachia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[4] fis-26 Awwissu 1998.)

**19.** Konsegwentement din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

*It-Tieni Imputazzjoni – Pussess Aggravat tar-Raza tal-Cannabis*

[4] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

**20.** L-imputat instab fil-pusses ta' erba bicciet tar-raza tal-cannabis ta' piz komplessiv ta' 288.47 grammi (1.86g, 6.61g, 125g u 155g). L-ewwel zewg bicciet instabu fuq jew go l-iskrivanija tieghu u t-tieni zewg bicciet, jew blokok instabu flimkien fl-ewwel sular tal-garaxx. L-imputat jinsisti li hu xtara dan l-ammont, specjalment iz-zewg blokkok, ghall-uzu tieghu personali, ghax jigih orhos jixtri sapuna, kif ukoll ma joqghodx gej u sejjer jixtri. Fl-istqarrija tieghu huwa issottolinea l-fatt li fit-tfittxija ma irrizultawx affarijiet fil-post li jindikaw li hu jittraffika d-droga, bhal raza mqatta' lesta jew xi mizien.

**21.** Huwa vera li fit-tfixxija ma nstabux affarijiet li jindikaw l-ispacc tad-droga. Pero, kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali[5] fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Jason Mallia** deciza fit-2 ta' Settembru 1999:

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklusiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

**22.** Mix-xhieda tal-Espert Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li d-doza tipika tas-sustanza cannabis hija ta' 0.2 grammi, li tithallat man-nikotina, sabiex jista' jsir joint.[6] Ghalhekk minn semplici kalkolu matematiku jista' jinghad li mill-ammont ta' 288.47 grammi li kellu fil-pussess tieghu l-imputat seta' jaghmel mijiet ta' joints, effettivament circa 1440 joint.

**23.** Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li hu kien ipejjep bejn wiehed u iehor joint kuljum minbarra fil-weekend, ghax ma jkunx xoghol, u kien ipejjep meta jkun wahdu, wara li jitilqu l-lavranti tieghu. Skond l-imputat ghalhekk hu kien ipejjep cirka hames (5) joints fil-gimgha. Anke jekk wiehed jaghti l-beneficcju lill-imputat, u jikkalkula li kien ipejjep tminn (8) joints fil- gimgha, dak ifisser, li l-imputat kellu hazna ta' rezina biex jaghmel joints ghal mija u tmenin (180) gimgha (1440 divizi bi 8) – ossia ghal circa tlett u nofs. Certament mhux verosimili li l-imputat xtara din il-hazna ta' rezina biex jikkonsmaha fi zmien tlett u nofs.

---

[5] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano
[6] Ara fol.101 tal-process.

**24.** Inoltre, l-fatt li kien hemm zewg bicciet zghar ta' rezina f'zewg postijiet differenti fl-iskrivanija tal-imputat, waqt li zewg bicciet blokok kienu flimkien f'post differenti, ukoll jindika li din ir-rezina ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Jekk kif qed jghid l-imputat, ir-rezina kienet intiza biss ghalih, din il-Qorti ma tarax il-logika li jzomm zewg bicciet rezina f'postijiet differenti tal-iskrivanija tieghu. Jekk ghall-grazzja tal-argument tispiccalu l-bicca zghira, dejjem setgha jgib izjed miz-zewg blokok tar-rezina li kellu fl-ewwel sular.

**25.** Fid-dawl tas-suespost, dina l-Qorti hija sodisfatta sal-grad rikjest fi process penali, li l-imputat instab fil-pussess tar-rezina tal-cannabis f'cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u ghalhekk huwa hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

*<u>It-Tielet Imputazzjoni – Pussess Semplici tad-Droga Kokaina</u>*

**26.** Kif diga inghad, l-imputat cahad li din id-droga kienet tieghu, u jghid li ma jafx kif giet fl-iskrivanija tieghu.

**27.** Mir-rapport tal-espert xjenzat jirrizulta li kien hemm 0.4 grammi ta' kokaina. Skond l-istess xjenzat id-doza tipika hija bejn 0.1g u 0.2g, jiddependi fuq il-persuna. Ghalhekk, kien hemm minn zewg sa erba' dozi ta' kokaina. Kif diga inghad, il-kwalita tal-kokaina kienet tajba.

**28.** Huwa vera li mill-provi ma jirrizultax li l-imputat qatt abbuza mid-droga tal-kokaina. Pero jibqa' l-fatt li din il-kokaina instabet f'kexxun tal-iskrivanija tieghu.[7] Vera li hu qal lill-Pulizija li kienu jidhlu nies ohra fl-ufficju tieghu[8], u l-Qorti ma tiddubitax minn dan, ghax l-imputat huwa importatur u distributur u jhaddem il-lavranti mieghu. Pero mhux kredibbli li xi persuna setghet iddecidiet li tahbi 0.4 grammi ta' kokaina fil-kexxun tieghu. Mir-ritratti ezebiti jirrizulta li dan il-garaxx kien iservi bhala ufficcju kif ukoll bhala mahzen, u ghalhekk jekk xi hadd ried jahbi d-droga, kien hemm certament postijiet iktar idonei fejn seta' jahbiha, u mhux jaghzel proprju kexxun fl-iskrivanija tas-sid tan-negozju.

[7] Ara xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef a fol. 36 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef a fol. 38 tal-process

**29.** Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati wkoll ta' din l-imputazzjoni.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Pussess Semplici tar-Raza tal-Cannabis*

**30.** L-imputat huwa wkoll mixli li fl-10 ta' Settembru 2012, u fil-hames snin ta' qabel kellu fil-pussess tieghu ir-raza tal-cannabis. Dan huwa ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu stess, fejn jghid li kien ilu jabbuza minn din is-sustanza ghal xi hames snin.

**31.** Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

**32.** Fir-rigward tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, u waqt it-tfittxija kien hu stess li indikalhom fejn isibu iz-zewg blokkok tar-raza tal-cannabis.

**33.** Il-fedina penali tieghu hija prattikament netta, b'kundanna wahda li tmur lura ghas-sena 1999 ta' sewqan eccessiv ta' speedboad go bajja.

**34.** Mill-provi jirrizulta illi l-imputat fittex l-ghajnuna tal-Agenzija Caritas f'Ottubru 2012 – cioe xahar wara li gie arrestat u interrogat mill-Pulizija dwar ir-reati li bihom huwa gie mixli. Jirrizulta li l-imputat kellu problema serja ta' dipendenza fuq is-sustanza cannabis. Pero huwa impenja ruhu biex jirriabilita ruhu u attenda b'mod diligenti sessjonijiet ta' riabilitazzjoni darba fil-gimgha ghal kwazi sentejn, u cioe sa Awissu 2014.[9] Dan gie konfermat ukoll mill-key worker tieghu tal-Agenzija Caritas, Leon-David Madden.[10]

**35.** Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni r-rapporti kollha li ġew esebiti f'dawn il-proċeduri mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga wara li kkonvertiet f'Qorti dwar id-Droga, kif ukoll illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat rega' beda jattendi sessjonijiet mal-Agenzija Caritas f'Mejju 2019.[11] Skond l-aħħar nota tal-Bord tas-27 ta'

[9] Ara fol. 153 tal-process.
[10] Ara fol. 172 – 179 tal-process.
[11] Ara fol. 214 tal-process.

Settembru 2019, l-istess Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'suċċess, skond ir-rapporti tal-Caritas. Fir-rapport tal-4 ta' Settembru 2019, il-*key worker* fi ħdan l-Aġenzija Sedqa, Leon-David Madden, li rega' beda isegwi lill-imputat matul iż-żmien li fih huwa kien qed jiġi segwit mill-Bord qal hekk:[12]

*"Mr Cutajar's plan was to leave urines on a weekly basis and attend monthly session, to which he abided to these said plans. All urine samples resulted negative for illicit substances. Mr Cutajar had attended Caritas previously in 2012 and we have since worked on his drug problem. It was observed that he had remained consisted to his original plans. Mr Cutajar leads a stable and healthy life. His main interests and values lie around his family, business and hobbies. Mr Cutajar successfully integrated the aforementioned valued and a positive contributor towards society."*

**36.** Fid-dawl tas-suespost, jirrizulta fuq bazi ta' probabbilita, li l-imputat ikkommetta r-reati li taghhom huwa qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri għaliex dak iż-żmien huwa kellu l-vizzju tad-droga u kien dipendenti fuq l-istess. Għalkemm huwa evidenti illi dan il-fatt ma jiskolpawx lill-imputat, madankollu l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi huwa mpenja ruħu ferm sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga u rnexxielu jagħmel dan, b'tali mod illi llum, skond ir-rapport tal-Caritas, jgħix ħajja stabbli, kompletament il-bogħod mid-droga.

**37.** Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu u ċioe` illi la darba din il-Qorti hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilita, illi r-reati li ghalihom l-imputat qed jinstab ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, mhux se tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

**38.** Tenut kont tan-natura serja tal-reati li taghhom l-imputat instab hati u l-ammont sostanzjali ta' droga li nstabat fil-pussess tieghu, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea ghandha tkun sentenza ta' priġunerija sospiża flimkien ma' multa.

[12] Ara fol. 217 tal-proċess.

**Konklużjoni**

**39.** Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 8(a) u (b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 (Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02), u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah għall-piena ta' sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut mhux iktar tard mill-1 ta' Gunju 2021, u jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skond il-liġi.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

2. Tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu malli issir il-komunika lilu mir-Registratur, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

3. Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**